31979L0373

ID-DIRETTIVA TAL-KUNSILL
tat-2 ta' April 1979
Dwar il-*marketing* ta' għalf kompost

(79/373/KEE)

Il-Kunsill tal-Komunitajiet Ewropej,

Wara li kkunsidra t-trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-artikoli 43 u 100 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni ([1]),

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew ([2]),

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kunsill Ekonomiku u Soċjali ([3]),

Billi l-produzzjoni ta' bhejjem miżmuma f'razzett għandha pożizzjoni importanti ħafna fl-agrikoltura tal-Komunità Ekonomika Ewropea; billi riżultati sodisfaċjenti jiddependu fil-parti l-kbira fuq l-użu ta' għalf addattat u ta' kwalità tajba;

Billi r-regoli li jirregolaw l-għalf huma importanti biex tiżdied il-produttività agrikola, minħabba r-rwol importanti li għandu l-għalf kompost f'dan ir-rigward;

Billi, meta jiġu stabbiliti regoli għat-tqegħid fis-suq ta' għalf kompost, għandu jiġi żgurat li dak l-għalf ikollu effett favorevoli fuq il-produzzjoni ta' bhejjem miżmuma fl-irziezet; billi l-għalf għandu għalhekk ikun sustanzjuż, mhux imħallat u ta' kwalità li jista' jinbiegħ; billi m'għandux ikun ta' ħsara għas-saħħa ta' l-annimal jew tal-bniedem u lanqas għandu jitqiegħed fis-suq b'mod li jista' jqarraq;

Billi huwa meħtieġ li min jużah jingħata tagħrif eżatt u bis-sens dwar l-għalf kompost għad-disposizzjoni tiegħu; billi, għalhekk, ta' l-anqas il-livelli tal-kostitwenti analitiċi li jkollhom effett dirett fuq il-kwalità ta' l-għalf għandhom jiġu dikjarati;

Billi, sakemm jiġu adottati aktar disposizzjonijiet, huwa meħtieġ, minħabba l-prassi eżistenti f'ċerti Stati Membri, li jiġi stabbilit temporanjament li l-amministrazzjonijiet nazzjonali jeħtieġu dikjarazzjoni aktar sħiħa dwar il-kompożizzjoni ta' l-għalf, fir-rigward kemm tal-kostitwenti analitiċi u l-ingredjenti; billi dawk id-dikjarazzjonijiet jistgħu jiġu meħtieġa biss kif tipprovdi din id-Direttiva;

Billi, barra minn hekk, il-produtturi kollha ta' l-għalf għandhom ikunu jistgħu juru fuq it-tikketti tagħhom ċertu tagħrif li jkun utli għax-xerrej; billi l-Istati Membri għandhom ukoll iżommu d-dritt li jawtorizzaw lill-produtturi sabiex jipprovdu aktar tagħrif;

Billi, sakemm jiġu adottati disposizzjonijiet tal-Komunità, l-Istati Membri jistgħu, jekk ir-regolamenti tagħhom ikun fihom dawn il-limitazzjonijiet meta din id-Direttiva tiġi adottata, ikomplu jeħtieġu li l-għalf kompost imqiegħed fis-suq fit-territorji tagħhom ikun immanifatturat minn ċerti ingredjenti jew li jkun ħieles minn ċerti ingredjenti;

Billi, sakemm il-metodi tal-Komunità ma jkunux għadhom ġew stabbiliti, l-Istati Membri ma jkunux kapaċi li jeħtieġu jew jippermettu li l-valuri ta' enerġija jkunu indikati kemm-il darba dan ma jkunx meħtieġ jew permess fit-territorji tagħhom meta din id-Direttiva tiġi adottata;

Billi, sabiex tingħata protezzjoni biżżejjed lix-xerrejja, l-għalf kompost għandu normalment jitqiegħed fis-suq f'pakketti jew f'kontenituri ssiġillati; billi jidher meħtieġ, madanakollu, li jiġu permessi eċċezzjonijiet għal din ir-regola f'ċerti ċirkostanzi speċjali li għandhom jiġu definiti mill-Komunità;

Billi l-Istati Membrigħandhom jiżguraw li l-għalf kompost li jissodisfa d-disposizzjonijiet ta' din id-Direttiva ma jkunx suġġett fil-Komunità għal xi restrizzjonijiet ta' tqegħid fis-suq fir-rigward ta' l-immarkar jew l-ippakkjar tiegħu;

Billi l-Istati Membrigħandhom jagħmlu arranġamenti addattati ta' kontroll sabiex tiġi żgurata l-konformità matul it-tqegħid fis-suq mad-disposizzjonijiet stabbiliti għall-għalf kompost;

Billi, sabiex tiġi faċilitata l-implimentazzjoni tal-miżuri intenzjonati u, b'mod partikolari, sabiex jiġu emendati u supplimentati fejn meħtieġ, għandha ssir disposizzjoni għal proċedura li tistabbilixxi kooperazzjoni mill-qrib bejn l-Istati Membri u l-Kummissjoni fil-kumitat permanenti dwar l-għalf stabbilit bid-deċiżjoni 70/372/KEE ([4]);

([1]) ĠU C 34, tal-14.4.1971, p. 8.
([2]) ĠU C 10, tal-5.2.1972, p. 35.
([3]) ĠU C 4, ta' l-20. 1. 1972, p. 3.
([4]) ĠU L 170, tat-3.8.1970, p.1.

Billi din id-Direttiva fiha numru ta' derogi nazzjonali; billi huwa għalhekk meħtieġ li tiġi inkluża disposizzjoni biex uħud minnhom jiġu reveduti f'perjodu speċifikat,

Addotta din id-Direttiva:

L-Artikolu 1

1. Din id-Direttiva għandha tapplika għall-għalf kompost imqiegħed fis-suq fil-Komunità.

2. Din id-Direttiva għandha tapplika mingħajr preġudizzju għad-disposizzjonijiet dwar:

(a) għalf mhux imħallat;

(b) adittivi użati fl-għalf;

(ċ) l-iffissar ta' livelli massimi permissibbli ta' sustanzi mhux mixtieqa u prodotti fl-għalf;

(d) l-iffissar ta' livelli massimi permissibbli ta' fdalijiet ta' pestiċidi fi jew fuq prodotti maħsuba għall-konsum tal-bniedem jew ta' l-annimal;

(e) l-organizzazzjoni tas-swieq fi prodotti agrikoli.

L-Artikolu 2

Għall-iskopijiet ta' din id-Direttiva, it-tifsiriet li ġejjin għandhom japplikaw:

(a) għalf: sustanzi organiċi jew inorganiċi, użati waħedhom jew f'taħlitiet, sew jekk ikun fihom adittivi sew jekk le, għat-tmigħ ta' l-annimali mill-ħalq;

(b) għalf kompost: sustanzi organiċi jew inorganiċi f'taħlitiet, sew jekk ikun fihom adittivi sew jekk le, għat-tmigħ ta' l-annimali mil-ħalq fil-forma ta' għalf komplut jew għalf komplimentari;

(ċ) razzjon ta' kuljum: il-kwantità totali medja ta' għalf, kalkolata fuq il-kontenut ta' umdità ta' 12 %, meħtieġa kuljum minn annimal jew speċi partikolari, kategorija ta' l-età u produzzjoni, biex tissodisfa l-ħtiġijiet tiegħu;

(d) għalf sħiħ: taħlitiet ta' l-għalf li, minħabba l-kompożizzjoni tagħhom, ikunu biżżejjed bħala r-razzjon ta' kuljum;

(e) għalf kumplimentari: taħlitiet ta' għalf li jkun fihom kontenut għoli ta' ċerti sustanzi iżda li, minħabba l-kompożizzjoni tagħhom, ikunu biżżejjed għar-razzjon ta' kuljum biss jekk użati flimkien ma' għalf ieħor;

(f) għalf minerali: għalf komplimentari kompost fil-biċċa l-kbira minn minerali u li jkun fihom ta' l-anqas 40 % rmied mhux maħdum;

(g) għalf molassat: għalf komplimentari mħejji minn għasel iswed u li jkun fih ta' l-anqas 14 % total ta' zokkor espress bħala sukrosju;

(h) annimali: annimali li jkunu ta' speċi normalment miżmuma u mitmugħin jew li jittieklu mill-bniedem;

(i) annimali domestiċi: annimali li jkunu ta' speċji normalment mitmugħa u miżmuma, iżda mhux biex jittieklu, mill-bniedem, ħlief annimali mkabbra għall-pil.

L-Artikolu 3

L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu li l-għalf kompost jista' jitqiegħed fis-suq biss jekk ikun sustanzjuż, mhux imħallat u ta' kwalità li jista' jinbiegħ. Għandhom jistabbilixxu wkoll li l-għalf kompost ma' jistax ikun ta' ħsara għas-saħħa ta' l-annimal jew tal-bniedem u ma jistax jiġi ppreżentat jew mqiegħed fis-suq b'mod li jista' jqarraq.

L-Artikolu 4

1. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu li l-għalf kompost jista' jitqiegħed fis-suq biss f'pakketti jew f'kontenituri ssiġillati. Għandhom jistabbilixxu wkoll li l-pakketti jew il-kontenituri għandhom ikunu ssiġillati b'tali mod li, meta l-pakkett jinfetaħ, is-siġill jinkiser u ma jkunx jista' jerġa' jintuża.

2. L-eċċezzjinijiet għall-prinċipju tal-paragrafu 1 li għandhom jiġu awtorizzati fuq livell tal-Komunità għandhom jiġu elenkati skond il-proċedura mniżżla fl-artikolu 13, sakemm l-identità u l-kwalità ta' l-għalf kompost ikkonċernat jiġu żgurati.

L-Artikolu 5

1. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu li l-għalf kompost jista' jitqiegħed biss fis-suq jekk id-dettalji elenkati hawn taħt, li għandhom ikunu jidhru b'mod ċar, li jistgħu jinqraw u li ma jistgħux jitħassru u li dwarhom il-produttur, dak li jippakkjah, l-importatur, il-bejjiegħ jew id-distributur stabbilit fil-Komunità għandu jinżamm responsabbli, ikunu mniżżla fuq il-pakkett jew kontenitur jew fuq tikketta mwaħħla magħhom:

(a) id-deskrizzjoni "għalf kompost";

(b) l-ispeċi jew il-kategorija ta' annimali li għaliha jkun maħsub l-għalf kompost;

(ċ) l-iskop li għalih huwa maħsub l-għalf;

(d) direzzjonijiet għall-użu jekk dan ma jkunx ċar mid-dettalji li għalihom issir referenza f'(b) jew (ċ);

(e) id-dikjarazzjonijiet elenkati fis-sezzjoni 5 ta' l-Anness;

(f) l-isem jew l-isem tal-kummerċ u l-indirizz jew uffiċċju reġistrat tal-persuna responsabbli għad-dettalji li għalihom jirreferi dan il-paragrafu;

(g) il-piż nett; fil-każ ta' prodotti likwidi, il-volum nett jew il-piż nett.

Fil-każ ta' għalf kompost magħmul minn mhux aktar minn tliet ingredjenti d-dettalji li għalihom issir referenza f'(b) u, meta xieraq, f'(ċ) u (d) m'għandhomx ikunu meħtieġa jekk l-ingredjenti użati jidhru b'mod ċar fid-deskrizzjoni.

2. L- Istati Membri għandhom jistabbilixxu li l-għalf kompost imqiegħed fis-suq f'tankers jew vetturi simili jew skond l-artikolu 4 (2) għandu jkun akkumpanjat minn dokument li jkun fih id-dettalji li għalihom issir referenza fil-paragrafu 1. Għall-kwantitajiet żgħar ta' għalf maħsuba għall-konsumatur finali, dawn id-dettalji jistgħu jingħiebu għall-attenzjoni tax-xerrej permezz ta' avviż addattat.

3. L-Istati Membri jistgħu jistabbilixxu li d-dettalji elenkati fil-paragrafu 1 (b) sa (e) u (g) jistgħu jintwerew biss f'dokument li jkun hemm magħhom.

4. L-Istati Membri jistgħu jeħtieġu li d-dettalji kollha li ġejjin jew xi whud minnhom jiġu indikati:

(a) it-tip ta' għalf kompost, fejn xieraq, minnflok id-deskrizzjoni ' għalf kompost ';

(b) l-ingredjenti;

(ċ) id-dikjarazzjonijiet li għalihom jipprovdu s-sezzjonijiet 3, 4 u 6 ta' l-Anness;

(d) id-data tal-manufattura;

(e) il-piż nett meta (oriġinarjament) ippakkjat minnflok il-piż nett imniżżel fil-1 (g) hawn fuq;

(f) il-kontenut ta' trab tal-ħalib għal tmiegħ waqt it-treddiegħ, u l-kontenut ta' ċereali fl-għalf kompost; f'dan il-każ id-dettalji ta' l-ingredjenti l-oħra kif meħtieġa fl-artikolu 5 (7) m'għandhomx ikunu meħtieġa.

5. L-Istati Membrigħandhom jistabbilixxu li d-dettalji li ġejjin biss jistgħu jitqiegħdu fuq il-pakkett, il-kontenitur, it-tikketta jew id-dokument li jkun hemm ma' l-għalf kompost, flimkien mad-dettalji elenkati fil-paragrafu 1:

(a) il-marka ta' identifikazzjoni jew il-marka tal-kummerċ tal-persuna responsabbli għad-dettalji li għalihom issir referenza f'dan il-paragrafu;

(b) in-numru tal-lott;

(ċ) id-data finali għaż-żamma tal-prodott;

(d) il-pajjiż ta' produzzjoni jew manufattura;

(e) il-prezz tal-prodott;

(f) direzzjonijiet għall-użu, fejn mhux meħtieġa mill-paragrafu 1;

(g) id-dikjarazzjonijiet elenkati fil-punt 7 ta' l-Anness.

6. L-Istati Membri jistgħu jistabbilixxu li d-dettalji li ġejjin biss jistgħu jitqiegħdu wkoll fuq il-pakkett, il-kontenitur, it-tikketta jew id-dokument li jkun hemm ma' l-għalf kompost, flimkien mad-dettalji elenkati fil-paragrafu 1:

(a) l-isem jew l-isem tal-kummerċ u l-indirizz jew uffiċċju reġistrat tal-manifattur meta dan ta' l-aħħar ma jkunx responsabbli għad-dettalji tat-tikketta;

(b) l-isem kummerċjali tal-prodott;

(ċ) l-ingredjenti;

(d) meta xieraq, id-dettalji li għandhom x'jaqsmu mad-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 14 (a);

(e) id-data tal-manifattura;

(f) id-dikjarazzjonijiet elenkati fil-punt 8 ta' l-Anness.

7. Meta jingħataw id-dettalji ta' l-ingredjenti, l-ingredjenti kollha preżenti għandhom jiġu elenkati, jew billi jingħataw il-kwantitajiet kollha ta' kull ingredjent jew b'ordni mill-kbir għaż-żgħir tal-proporzjon tagħhom fl-għalf kompost. L-Istati Membri jistgħu jistabbilixxu l-użu ta' xi waħda minn dawn iż-żewġ forom ta' indikazzjoni, iżda mhux it-tnejn. Meta ebda miżuri ma jkunu ġew adottati skond l-artikolu 10 (b), l-Istati Membri jistgħu jgħaqqdu xi ingredjenti flimkien skond il-kategorija jew iżommu l-kategoriji eżistenti u jippermettu li d-dettalji ta' l-ingredjenti jiġu mibdula b'dawk li għandhom x'jaqsmu mal-kategoriji.

8. Kull tagħrif ieħor li jidher fuq l-ippakkjar, il-kontenituri, it-tikketti jew id-dokumenti li jkun hemm magħhom għandhom jintwerew b'mod separat mid-dettalji li għalihom jirreferu l-paragrafi 1 sa 7.

L-Artikolu 6

L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu li d-disposizzjonijiet stabbiliti fil-punti 1, 2, 9.1 u 9.2 ta' l-Annessgħandhom jgħoddu għat-tqegħid fis-suq ta' għalf kompost.

L-Artikolu 7

L-Istati Membri jistgħu jistabbilixxu li l-proċeduri stabbiliti fil-punti 3, 4, u 9.3 ta' l-Annessgħandhom jgħoddu għat-tqegħid fis-suq ta' għalf kompost. L-Istati Membri jistgħu wkoll jiffissaw it-tolleranzi relevanti fil-każijiet li għalihom issir referenza fil-punt 9.3 ta' l-Anness u għall-kostitwenti analitiċi ħlief għal dawk li għalihom issir referenza fihom.

L-Artikolu 8

Safejn il-liġijiet nazzjonali tagħhom jistabbilixxu hekk fiż-żmien ta' l-adozzjoni ta' din id-Direttiva, l-Istati Membri għandhom ikunu awtorizzati li jillimitaw it-tqegħid fis-suq ta' għalf kompost għal dak:

— miksub minn ċerti ingredjenti, jew

— ħieles minn ċerti ingredjenti.

L-Artikolu 9

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-għalf kompost ma jkunx suġġett, għal raġunijiet li jirrigwardaw id-disposizzjonijiet inklużi f'din id-Direttiva, għal restrizzjonijiet ta' tqegħid fis-suq ħlief għal dawk li għalihom tipprovdi din id-Direttiva.

L-Artikolu 10

Skond il-proċedura stabbilita fl-artikolu 13 u fid-dawl ta' l-avvanzi fl-għerf xjentifiku u tekniku:

(a) l-emendi meħtieġa fl-Anness għandhom jiġu adottati;

(b) il-kategoriji għall-aggruppament ta' ingredjenti għall-iskop tad-dikjarazzjonijiet skond l-artikolu 5 (4) u (6) jistgħu jiġu stabbiliti;

(ċ) il-metodi għall-kalkolu tal-valur ta' enerġija fl-għalf kompost jistgħu jiġu stabbiliti.

L-Artikolu 11

Għall-iskopijiet ta' kummerċ bejn l-Istati Membri, id-dettalji li għalihom issir referenza fl-artikolu 5 (1) sa (7) għandhom jitniżżlu bil-miktub ta' l-anqas f'wieħed mill-ilsna nazzjonali jew uffiċjali tal-pajjiż ta' destinazzjoni.

L-Artikolu 12

L-Istati Membri għandhom jagħmlu l-arranġamenti kollha meħtieġa għal spezzjoni uffiċċjali matul it-tqegħid fis-suq, ta' l-anqas billi jittieħdu kampjuni, biex tiġi żgurata konformità mar-rekwiżiti ta' din id-Direttiva.

L-Artikolu 13

1. Meta l-proċedura mniżżla f'dan l-Artikolu trid tiġi segwita, il-kwistjoni għandha tiġi referita mingħajr dewmien lill-kumitat permanenti dwar l-għalf, hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejjaħ "il-kumitat", mill-president tiegħu, jew fuq l-inizjattiva tiegħu stess jew fuq it-talba ta' xi Stat Membru.

2. Il-voti ta' l-Istati Membri fi ħdan il-kumitat għandhom jiġu mwieżna skond kif stabbilit mill-Artikolu 148 (2) tat-trattat. Il-president m'għandux jivvota.

3. Ir-rappreżentant tal-kummissjoni għandu jibgħat abbozz tal-miżuri li għandhom jiġu adottati. Il-kumitat għandu jagħti l-opinjoni tiegħu dwar dawk il-miżuri f'limitu ta' żmien li l-president jista' jiffissa wara li jkun ikkunsidra l-urġenza tal-kwistjoni mibgħuta għall-eżami. Opinjoni għandha tiġbor ta' l-anqas 41 vot favur qabel ma tingħata.

4. Il-kummissjoni għandha tadotta l-miżuri u timplimentahom minnufih meta dawn ikunu jaqblu ma' l-opinjoni tal-kumitat. Meta dawn ma jkunux skond l-opinjoni tal-kumitat, jew jekk ebda opinjoni ma tingħata, il-kummissjoni għandha tissottometti minnufih proposta lill-kunsill dwar il-miżuri li għandhom jittieħdu. Il-kunsill għandu jadotta l-miżuri b'maġġoranza kkwalifikata.

5. Jekk il-kunsill ma jkunx adotta xi miżuri fi żmien tliet xhur minn meta jirċievi l-proposta, il-kummissjoni għandha tadotta l-miżuri proposti u timplimentahom minnufih ħlief meta l-kunsill ikun ivvota b'maġġoranza sempliċi kontra dawk il-miżuri.

L-Artikolu 14

Din id-Direttiva m'għandhiex taffettwa d-dritt ta' l-Istati Membri:

(a) li jirrakkomandaw it-tipi ta' għalf kompost li jkun iħares ċerti karatteristiċi analitiċi;

(b) li joqogħdu lura milli japplikaw id-disposizzjonijiet ta' din id-Direttiva għal għalf kompost li fir-rigward tiegħu jiġi ppruvat ta' l-anqas b'xi marka xierqa li huwa maħsub għall-esportazzjoni lejn pajjiżi terzi;

(ċ) li jonqsu milli japplikaw id-disposizzjonijiet ta' din id-Direttiva fir-rigward ta' għalf kompost meta xi tikketta speċjali ta' immarkar tagħti xhieda li jkun maħsub għal annimali miżmuma għal skopijiet xjentifiċi jew esperimentali.

L-Artikolu 15

Sa mhux aktar tard minn tliet snin min-notifika ta' din id-Direttiva, il-kummissjoni għandha, fuq il-bażi ta' l-esperjenza miksuba, tibgħat lill-kunsill proposti għal emendi fid-Direttiva sabiex jinkiseb moviment ħieles ta' għalf kompost u biex jiġu eliminati ċerti diskrepanzi li jirrigwardaw l-użu ta' ingredjenti u b'mod partikolari l-ittikkettjar. Il-kunsill għandu jaġixxi fuq dawn il-proposti sa mhux aktar tard minn ħames snin li jiġu wara n-notifika ta' din id-Direttiva.

L-Artikolu 16

L-Istati Membr igħandhom idaħħlu fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 1981, il-liġijiet, ir-regolamenti u d-disposizzjonijiet amministrattivi meħtieġa biex ikun hemm konformità ma' din id-Direttiva u għandhom minnufih javżaw lill-kummissjoni dwar dan.

L-Artikolu 17

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fil-Lussemburgu, it-2 ta' April 1979.

Għall-Kunsill

Il-President

J. FRANCOIS-PONCET

L-ANNESS

1. Il-livelli indikati jew li għandhom jiġu dikjarati għandhom x'jaqsmu mal-piż ta' l-għalf kompost bħala tali, sakemm ma jkunx dikjarat mod ieħor.

2. Il-kontenut ta' umdità m'għandux jeċċedi s-7 % f'għalf għal waqt it-treddiegħ u għalf ieħor kompost b'kontenut ta' prodotti tal-ħalib li jaqbeż l-40 %.

3. Il-kontenut ta' umdità m'għandux jeċċedi:

— f'għalf minerali li ma jkun fih ebda sustanzi organiċi: 5,0 %,

— f'għalf minerali li jkun fih sustanzi organiċi: 10,0 %;

— fl-għalf kompost l-ieħor kollu ħlief:

  — qamħ sħiħ,

  — għalf tal-molassi,

  — għalf kompost nofsu xott, niedi u likwidu, b'dan illi l-livell tal-kontenut ta' l-umdità jista' jinqabeż meta jkunu ntużaw preżervattivi u sakemm il-kontenut ta' l-umdità u l-ħajja ta' l-għalf jiġu dikjarati: 14,0 %.

4. L-Istati Membri jistgħu, mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 3, jistabbilixxu li l-livell ta' rmied li ma jinħallx f'aċidu idrokloriku ma jkunx aktar minn 3.3 % tal-materjal niexef fil-każ ta' għalf kompost magħmul prinċipalment minn prodotti sekondarji tar-ross, u 2.2 % tal-materjal niexef fil-każijiet l-oħrajn.

Madanakollu, dan il-livell jista' jinqabeż fil-każ ta':

— għalf kompost li jkun fih aġenti minerali awtorizzati li jgħaqqdu,

— għal kompost minerali, u

— għalf kompost li jkun fih aktar minn 50 % bċejjeċ jew polpa tal-pitravi,

Sakemm il-livell jiġi ddikjarat bħala perċentwali ta' l-għalf bħala tali jekk ikun jaqbeż it-3.3 % tal-materjal niexef.

5. Dikjarazzjonijiet skond l-Artikolu 5 (1):

5.1. Kontenuti fir-rigward ta' kostitwenti analitiċi ta' għalf kompost, bl-eċċezzjoni ta' taħlitiet ta' qamħ sħiħ, l-għalf kompost elenkat fil-5.2 u l-5.3 u għalf kompost għal annimali domestiċi ħlief klieb u qtates:

  — proteini mhux maħduma,

  — żjut u xaħmijiet mhux maħduma,

  — fibra mhux maħduma,

  — irmied mhux maħdum.

5.2. Kontenuti fir-rigward ta' kostitwenti analitiċi ta' għalf minerali

  — irmied mhux maħdum.

  — kalċju,

  — fosfru,

  — sodju.

5.3. Kontenuti fir-rigward ta' kostitwenti analitiċi ta' għalf tal-molassi:

  — fibra mhux maħduma,

  — total ta' zokkor espress bħala sukrosju.

6. Dikjarazzjonijiet skond l-Artikolu 5 (4):

6.1. Kontenuti fir-rigward ta' kostitwenti analitiċi u kriterji ta' għalf kompost, bl-eċċezzjoni ta' taħlitiet ta' qamħ sħiħ, l-għalf kompost elenkat fis-6.2, is-6.3 u s-6.4 u għalf kompost għal annimali domestiċi minnbarra dawk elenkati fis-6.4:

— proteini li jinħallu,
— umdità,
— lamtu,
— total ta' zokkor espress bħala sukrosju,
— kalcju,
— manjesju,
— sodju,
— fosfru,
— cystine,
— lysine, } biss għall-majjali, tjur u annimali li jixtarru qabel ma' jixtarru
— methionine,
— valur ta' l-energija kkalkolat skond metodu rikonoxxut ufficjalment.

6.2. Kontenuti fir-rigward ta' kostitwenti analitiċi ta' għalf minerali:

— proteini mhux maħduma,

— proteini li jinħallu,

— żjut u xaħmijiet mhux maħduma,

— fibra mhux maħduma,

— manjesju,

— umdità,

— lysine (għall-majjali biss).

6.3. Kontenuti fir-rigward ta' kostitwenti analitiċi ta' għalf tal-molassi:

— proteini mhux maħduma,

— proteini li jinħallu,

— żjut u xaħmijiet mhux maħduma,

— irmied mhux maħdum,

— umdità.

6.4. Kontenuti fir-rigward ta' kostitwenti analitiċi ta' għalf għall-klieb u l-qtates:

— umdità.

7. Dikjarazzjonijiet skond l-Artikolu 5 (5):

7.1. Kontenuti fir-rigward ta' kostitwenti analitiċi ta' għalf kompost għall-klieb u l-qtates:

— kalċju,

— sodju,

— fosfru,

— umdità.

7.2. Kontenuti fir-rigward ta' kostitwenti analitiċi ta' għalf kompost għall-annimali domestiċi ħlief klieb u qtates:

— umdità,

— proteini mhux maħduma,

— żjut u xaħmijiet mhux maħduma,

— fibra mhux maħduma,

— irmied mhux maħdum,

— kalċju,

— sodju,

— fosfru,

8. Dikjarazzjonijiet skond l-Artikolu 5 (6):

8.1. Kontenut fir-rigward ta' kostitwenti analitiċi u kriterji għall-għalf kompost, bl-eċċezzjoni ta' għalf kompost għal annimali domestiċi u għalf kompost elenkat fit-8.2:

— umdità,
— lamtu,
— total ta' zokkor espress bħala sukrosju,
— proteini li jinħallu,
— kalcju,
— manjesju,
— sodju,
— fosfru,
— cystine,
— lysine,
— methionine,

} biss għall-majjali, tjur u annimali li jixtarru qabel ma' jixtarru

— valur ta' l-energija kkalkolat skond metodu rikonoxxut ufficjalment.

8.2. Kontenuti fir-rigward ta' kostitwenti analitiċi ta' għalf minerali:

— proteini mhux maħduma,

— proteini li jinħallu,

— żjut u xaħmijiet mhux maħduma,

— fibra mhux maħduma,

— manjesju,

9. Meta, fuq spezzjoni uffiċjali skond l-Artikolu 12, il-kompożizzjoni ta' għalf kompost tinstab li ma tkunx skond il-kontenut ddikjarat, it-tolleranzi minimi li ġejjin għandhom ikunu permessi, bla ħsara għall-Artikolu 3:

9.1. Meta l-kontenut rekordjat ikun anqas mill-kontenut iddikjarat:

9.1.0. proteini mhux maħduma,

— unitajiet għal kontenut iddikjarat ta' 30 % jew aktar,

— 6 % tal-kontenut iddikjarat għall-kontenuti ddikjarati ta' anqas minn 30 % iżda mhux anqas minn 15 %,

— 0.9 unitajiet għal kontenuti ddikjarati ta' anqas minn-15 %.

9.1.1. proteini li jinħallu,

— 2.5 unitajiet għal kontenut iddikjarat ta' 25 % jew aktar,

— 10 % tal-kontenut iddikjarat għall-kontenuti ddikjarati ta' anqas minn 25 % iżda mhux anqas minn 15 %,

— 1.5 unitajiet għal kontenuti ddikjarati ta' anqas minn-15 %.

9.1.2. Zokkor total:

— 2 unitajiet għal kontenut iddikjarat ta' 20 % jew aktar,

— 10 % tal-kontenut iddikjarat għall-kontenuti ddikjarati ta' anqas minn 20 % iżda mhux anqas minn 10 %,

— unità 1 għal kontenuti ddikjarati ta' anqas minn-10 %.

9.1.3. lamtu,

— 2.5 unitajiet għal kontenut iddikjarat ta' 25 % jew aktar,

— 10 % tal-kontenut iddikjarat għall-kontenuti ddikjarati ta' anqas minn 25 % iżda mhux anqas minn 10 %,

— unità 1 għal kontenuti ddikjarati ta' anqas minn-10 %.

9.1.4. żjut u xaħmijiet mhux maħduma,

— 1.5 unitajiet għal kontenut iddikjarat ta' 15 % jew aktar,

— 10 % tal-kontenut iddikjarat għall-kontenuti ddikjarati ta' anqas minn 30 % iżda mhux anqas minn 15 %,

— 0.8 unità għal kontenuti ddikjarati ta' anqas minn-8 %.

9.1.5. fosfru, kalċju, manjesju, sodju totali:

— 1.5 unitajiet għal kontenut iddikjarat ta' 15 % jew aktar,

— 10 % tal-kontenut iddikjarat għall-kontenuti ddikjarati ta' anqas minn 30 % iżda mhux anqas minn 1 %,

— 0.1 unità għal kontenuti ddikjarati ta' anqas minn-1 %.

9.1.6. Methionine, lysine u cystine:

— 15 % tal-kontenut iddikjarat.

9.2. Meta l-kontenut irrekordjat ikun aktar mill-kontenut iddikjarat:

9.2.1. Umdità,

— unità 1 għal kontenut iddikjarat ta' 10 % jew aktar,

— 10 % tal-kontenut iddikjarat għall-kontenuti ddikjarati ta' anqas minn 10 % iżda mhux anqas minn 2 %,

— 0.2 unità għal kontenuti ddikjarati ta' anqas minn-2 %.

9.2.2. Irmied mhux maħdum.

— unità 1 għal kontenut iddikjarat ta' 10 % jew aktar,

— 10 % tal-kontenut iddikjarat għall-kontenuti ddikjarati ta' anqas minn 10 % iżda mhux anqas minn 5 %,

— 0.5 unità għal kontenuti ddikjarati ta' anqas minn 5 %.

9.2.3. Fibra mhux maħduma,

— 1.2 unitajiet għal kontenut iddikjarat ta' 8 % jew aktar,

— 15 % tal-kontenut iddikjarat għall-kontenuti ddikjarati ta' anqas minn 8 %, iżda mhux anqas minn 4 %,

— 0.6 unità għal kontenuti ddikjarati ta' anqas minn 4 %.

9.2.4. Irmied li ma jdubx f'aċidu idrokloriku:

— 10 % tal-kontenut iddikjarat ta' kontenuti ddikjarati ta' 3 % jew aktar,

— 0.3 unità għal kontenuti ddikjarati ta' anqas minn 3 %.

9.3. Meta l-varjazzjoni innutata tkun fid-direzzjoni opposta għal dawk li għalihom issir referenza fid-9.1 u d-9.2 rispettivament:

9.3.1. — Proteini mhux maħduma, żjut u xaħmijiet mhux maħduma, total ta' zokkor, lamtu: it-tolleranza tkun id-doppju ta' dik permessa għal dawn is-sustanzi fid-9.1,

— Fosfru, kalċju, manjesju, sodju, irmied mhux maħdum fibra mhux maħduma: it-tolleranza tkun it-tripplu ta' dik permessa għal dawn is-sustanzi fid-9.1 u fid-9.2.